MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 317/2006

**DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

**vs**

Joseph **CREMONA**, u *omissis* u b'degriet tat-23 ta' Ottubru, 2007, l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-P.L. Liliana Buħaġiar inħatru bħala Kuraturi Deputati biex jidhru għall-minuri *omissis*, imsejjaħ fil-kawża

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-17 ta' April, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) tiddikjara li l-Att tat-Twelid li jġib in-numru X tas-sena Y fih żball billi jirrifletti dikjarazzjoni falza li permezz tagħha l-imħarrek Joseph Cremona iddikjara b'ħażen li huwa l-missier tat-tarbija; (b) għalhekk,tiddikjara li l-imħarrek mhux missier it-tarbija li dwarha jitkellem l-imsemmi Att tat-Twelid; u (ċ) tordna li jsiru l-bidliet fl-imsemmi Att tat-Twelid billi, fil-kolonni li jagħtu dettalji dwar il-missier

naturali tat-tarbija, titħassar kull riferenza għall-imħarrek Cremona f'dak l-Att u, minflok, issir dikjarazzjoni li t-tarbija hija wild ta' missier mhux magħruf;

Rat l-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern tad-19 ta' Mejju, 2006[1], għall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-Risposta mressqa mill-imħarrkin fil-5 ta' Ġunju, 2006, li biha huma laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li din l-azzjoni ma taqax fis-setgħat tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili imma tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja); li jeħtieġ li l-minuri jkun parti fil-kawża, ladarba dak li qiegħed jintalab mill-attur jolqot il-jeddijiet tal-istess tarbija; u, fil-mertu, billi filwaqt li m'humiex jiċħdu l-fatti attribwiti, jiddikjaraw li dak li sar kien biss maħsub li jħares l-inkolumta' tal-imħarrka u tat-tarbija;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Frar, 2007, li bih u fuqa talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tat-30 ta' Ottubru, 2006, ordnat li l-atti tal-kawża jitqegħdu mal-atti ta' din il-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-22 ta' Frar, 2007, li bih l-avukat difensur tal-imħarrkin irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Rat is-sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu, 2007[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin u iddikjarat li t-tarbija jmissha tkun parti f'din il-kawża, u tat żmien lill-attur biex jirregola ruħu dwar kif jidhirlu meħtieġ biex il-minuri li għalih jirreferi l-Att tat-Twelid mertu tal-każ jidħol bħala parti fil-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2007[3], li bih ordnat il-ħatra ta' Kuraturi Deputati sabiex jidhru għall-minuri msejjaħ fil-kawża;

Rat li l-imsemmija Kuraturi Deputati, minkejja li laqgħu n-notifika tal-atti, naqsu li jressqu xi kontestazzjoni;

---

[1] Paġ 22 tal-proċess
[2] Paġġ. 41 – 5 tal-proċess
[3] Paġ. 49 tal-proċess

Semgħet ix-xhud imressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' April, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex isiru bidliet f'att ta' stat ċivili. L-attur jgħid li l-Att tat-Twelid tat-tarbija fih tagħrif ħażin li ngħata b'qerq mill-imħarrkin u li ma jaqbilx ma' dak li seħħ tassew meta twieldet it-tarbija. Qiegħed jitlob li l-Att ikun juri s-sewwa dwar il-missier tat-tarbija;

Illi l-imħarrkin, filwaqt li ma jiċħdux il-fatti msemmija, jgħidu li dak li sar kien maħsub biss biex iħares lill-omm naturali u lit-tarbija. Dan jgħiduh minħabba li l-istess omm welldet lit-tarbija meta ma kinitx miżżewġa u kien għad għandha sbatax-il sena. Dan kien iġib għajb fuqha ma' niesha fil-Marokk bil-biżgħa wkoll li seta' jsir fuqha xi att ta' vjolenza bi tpattija għal li għamlet;

Illi l-<u>fatti ewlenin li joħorġu mill-atti</u> juru li fl-14 ta' Mejju, 2005, twieled il-minuri msejjaħ fil-kawża fl-Isptar Karen Grech. Fl-20 ta' Mejju, 2005, l-imħarrkin Joseph Cremona u X marru r-Reġistru Pubbliku u iddikjaraw li huma kienu l-ġenituri tat-tarbija u wrew dokument maħruġ mill-isptar fejn twieldet it-tarbija[4]. Minħabba li nħoloq dubju li d-dokument seta' kien imbagħbas, tqabbel mar-*records* uffiċjali tal-Isptar, u nstab li omm it-tarbija kienet Y, bint l-imħarrka X[5]. F'Ġunju tal-2005, il-Pulizija ressqu lill-imħarrkin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u xlewhom li ffalsifikaw att awtentiku u pubbliku, li għamlu użu minnu, li għamlu dikjarazzjonijiet foloz biex jiksbu vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom. Huma stqarrew l-akkużi u

---

[4] Dok "Ċ", f'paġ. 17 tal-proċess
[5] Affidavit tagħha 19.2.2008, f'paġ. 88 tal-proċess

l-Qorti tal-Maġistrati tat is-sentenza tagħha fl-4 ta' Ġunju, 2005[6];

Illi fis-27 ta' Settembru, 2005, l-attur kien fetaħ kawża kontra t-tliet imħarrkin[7] biex jitlob it-tiswija tal-Att tat-Twelid tal-istess minuri billi jitbiddel it-tagħrif dwar l-omm. Ma saret l-ebda talba dwar it-tagħrif dwar il-missier. It-talbiet intlaqgħu u din il-Qorti (diversament presjeduta) ordnat li jsiru l-bidliet mitluba. Wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati, irriżulta li t-tagħrif dwar il-missier ukoll ma kienx jaqbel mas-sewwa, għaliex it-tarbija twieled minn relazzjoni li l-omm naturali kellha ma' raġel ieħor. Din il-kawża tressqet f'April tal-2006, sewwasew biex jintalab ukoll bdil fl-Att tat-Twelid tal-minuri għal dak li jirrigwarda t-tagħrif dwar missier it-tarbija;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ</u> ftit hemm x'wieħed jgħid għaliex bejn il-partijiet hemm qbil dwar il-fatti kif seħħew. Minn dawn il-provi joħroġ li l-imħarrka Y hija l-omm li welldet lill-minuri, l-imsejjaħ fil-kawża, u dan minn relazzjoni li hija kellha għal xi żmien ma' wieħed li tgħid li tafu biss minn ismu u li llum il-ġurnata ma jinsabx f'Malta[8]. Jirriżulta li l-imħarrka X tiġi omm l-omm li welldet it-tarbija. Jirriżulta wkoll li l-imħarrkin Joseph Cremona u X ilhom jgħixu flimkien għal aktar minn għaxar snin hawn Malta, u jgħidu li ntrabtu flimkien bħala miżżewġin bir-rit islamiku[9];

Illi, kif sewwa jgħid l-attur, fid-dawl ta' dawn il-fatti huwa meħtieġ li l-att ta' stat ċivili tal-minuri msejjaħ fil-kawża jkun juri l-fatti tajbin dwaru. Min-naħa l-oħra, wħud mill-bidliet diġa' ntlaqgħu fil-kawża ta' qabel mibdija mill-istess attur dwar il-partikolaritajiet tal-omm. L-imħarrek Cremona jistqarr li huwa ma hux missier it-tarbija. Għalhekk, it-talbiet tal-attur huma mistħoqqa;

Illi jidher li n-nuqqas ta' qbil waħdieni li hemm bejn il-partijiet f'din il-kawża jdur mal-kwestjoni tal-ispejjeż tal-

[6] Dok "A", f'paġġ. 8 sa 10 tal-proċess
[7] Ċitazz. Nru. 895/05CFS (maqtugħa fil-11 ta' April, 2006) Dok "B", f'paġġ. 11 – 6 tal-proċess
[8] Xhieda tagħha 20.2.2008, f'paġġ. 107 – 8 tal-proċess
[9] Xhieda tiegħu 20.2.2008, f'paġġ. 93 – 4 tal-proċess

kawża. L-attur jisħaq li hu kellu jiftaħ il-kawża minħabba l-qerq tal-imħarrkin. L-għaref difensur tal-attur ressqet l-argument li Att ta' Stat Ċivili ma jistax jitħalla b'tagħrif ħażin fih u b'mod li xiħadd ikun jista' jinqeda bih għall-ħsibijiet ta' moħħu. Kien għalhekk li l-kawża ma saritx b'kapriċċ u għalhekk hu m'għandux ibati l-ispejjeż;

Illi dwar dan, il-Qorti tqis li hemm tliet osservazzjonijiet x'isiru. L-ewwel waħda hi li sa ma l-attur ressaq din il-kawża f'April tal-2006, kien diġa' jaf (jew imissu kien jaf) biċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. B'mod partikolari, kif jirriżulta mid-dokumenti mressqin fl-Atti tal-kawża ta' qabel, sa dak inhar kien ħareġ ukoll li l-imħarrek Joseph Cremona ma kienx missier it-tarbija. Minkejja dan, intalbet it-tiswija tal-Att tat-Twelid tal-minuri biss dwar il-partikolaritajiet tal-omm tat-tarbija. Ma saret l-ebda talba biex jinbidlu jew jissewwew ukoll dawk dwar il-missier, bħalma qed isir f'din il-kawża. Fil-fehma tal-Qorti, dawk it-talbiet messhom saru f'dik il-kawża wkoll (u li dwarha l-imħarrkin kienu ordnati jħallsu l-ispejjeż) billi t-tagħrif u provi mressqin mill-attur f'din il-kawża huma l-istess li tressqu fil-kawża ta' qabilha. It-tieni osservazzjoni hi li, f'din il-kawża, l-imħarrkin ingħataw raġun meta bit-tieni eċċezzjoni tagħhom qanqlu l-kwestjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju. F'dan ir-rigward, l-attur ma jistax jgħid li l-ispejjeż għandhom ibatuhom l-imħarrkin ukoll. It-tielet ċirkostanza hi li jirriżulta mill-atti li l-imħarrkin ingħataw li jikkontestaw din il-kawża bil-benefiċċju tal-Għajnuna Legali[10];

Illi għalhekk, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dak li jipprovdi l-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti jidhrilha xieraq li tordna li kull parti għandha terfa' l-ispejjeż tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-Att tat-Twelid numru X relattiv għall-minuri msejjaħ fil-kawża fih żball

[10] Paġġ. 29 sa 31 tal-proċess u l-art. 920 tal-Kap 12

maħluq minn dikjarazzjoni mhux minnha magħmula mill-imħarrek meta iddikjara li huwa kien missier it-tarbija meta dan ma kienx minnu;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara li l-minuri msejjaħ fil-kawża huwa bin missier mhux magħruf u mhux bin l-imħarrek;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna li jsiru t-tibdliet meħtieġa fl-imsemmi Att tat-Twelid bin-numru progressiv X, u dan billi fil-kolonni kollha li jitkellmu dwar "*Missier it-Tarbija*" jitneħħa t-tagħrif kollu li jinsab imniżżel u jidħol minfloku l-kliem "*Missier mhux magħruf*" jew kliem li jfisser l-istess fl-ilsien ingliż fejn hu meħtieġ;

Dwar l-**ispejjeż tal-kawża**, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, dawn għandhom jibqgħu **bla taxxa bejn il-partijiet**.

**Tordna** wkoll li, għall-aħjar ħarsien tagħhom, kull tagħrif dwar il-minuri u l-omm jitneħħa minn kull kopja informali li tinħareġ ta' din is-sentenża u minn kull xbiha tagħha fuq mezzi jew siti elettroniċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------